MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 971/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company**

**vs**

**Charles Tahir, Larson Pace, Joseph Grima, Daniel Grima u SMS Insurance Agency Ltd (C5645) rapprezentanti s-socjeta' estera Ecclestiastical Insurance Offic plc u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru 2011, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza 'Il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens'**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'

estera American Home Assurance Company, li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Is-socjeta' attrici Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kienet issottoskriviet polza ta' assigurazzjoni mal-konvenut Charles Tahir ghall-vettura tieghu bin-numri ta' registrazzjoni DBD-672 fit-30 ta' Mejju 2003.

Il-polza ta' assigurazzjoni bejn is-socjeta' attrici u Charles Tahir kienet tistipola b'mod car u inekwivokabbli li l-polza kienet tiddekadi ipso facto u awtomatikament jekk kemm-il darba l-assigurat jbiegh jew jittrasferixxi l-vettura lil terzi.

Fil-11 ta' Settembru 2003, il-konvenut Charles Tahir biegh il-vettura DBD-672 lill-konvenut Larson Pace.

In vista ta' dan il-bejgh, il-polza ta' assigurazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut Charles Tahir ma baqghetx in vigore b'effett mill-11 ta' Settembru 2003 u b'hekk, il-konvenut Charles Tahir ma baqax kopert bil-polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' attrici u l-konvenut Larson Pace qatt ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' attrici.

Fl-14 ta' Ottubru 2003, il-konvenut Larson Pace kien involut f'incident awtomobilistiku bil-vettura DBD-672 mal-vettura DNL-777 misjuqa mill-konvenut Daniel Grima u ta' proprjeta' tal-konvenut Joseph Grima u assigurata taht polza ta' tip comprehensive mas-socjeta' konvenuta SMS Insurance Agency Ltd rapprezentanti s-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc.

Il-konvenuti Joseph Grima u SMS Insurance Ageny Ltd noe pprocedew kontra l-konvenut Larson Pace ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta' u likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-incident stradali in kwistjoni, u dana permezz ta' ittra bonarja datata 2 ta' Dicembru 2003, ittra ufficjali datata 5 ta' Frar 2004 u anke b'Avviz fil-Qorti tal-Magistrati pprezentat fit-2

ta’ Gunju 2004 u pendenti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 296/04 SM.

Kull meta pprezentaw il-fuq imsemmija ittri u atti, il-konvenuti Joseph Grima u SMS Insurance Agency Limited dejjem baghtu kopja jew formalment innotifikaw lis-socjeta’ attrici bl-atti taghhom u anke permezz ta’ korrispondenza ohra diretta lis-socjeta’ attrici fejn ivvantaw li s-socjeta’ attrici kienet responsabbli ghall-hlas ta’ danni kagunati minn Larson Pace bhala “insurer concerned” tal-istess.

Is-socjeta’ attrici dejjem irrespingiet dawn l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghha u dana anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ April 2004 fejn wissiet lill-konvenuti Joseph Grima u SMS Insurance Agency Ltd noe li l-vettura DBD-672 ma kinitx assigurata maghha fil-gurnata tal-incident in kwistjoni peress li fil-11 ta’ Settembru 2003, din il-vettura kienet inbieghet lil Larson Pace minn Charles Tahir, u dan anke permezz ta’ skrittura, u ghalhekk ma kien hemm ebda polza ta’ assigurazzjoni in vigore peress li dik f’isem Charles Tahir kienet iddekadiet awtomatikament u ipso facto mal-bejgh, u inoltre ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut Larson Pace, u ghaldaqstant kienet iddiffidat lill-konvenuti Joseph Grima u SMS Insurance Agency Ltd noe milli jippruvaw jinvolvuha jew altrimenti jipprocedu kontra taghha fi kwalsiasi mod.

Nonostante dan, il-konvenuti Joseph Grima u Insurance Agency Ltd noe, xorta baqghu jivvantaw u jippretendu dritt kontra s-socjeta’ attrici attrici bhala “insurer concerned” u sahansitra baghtu l-ittri ufficjali ai termini tal-artikolu 10(2) tal-Kap. 104 meta pprezentaw l-Avviz 296/04 SM fuq imsemmi.

Anke l-konvenut Daniel Grima pproceda kontra l-konvenut Larson Pace ghal dikjarazzjoni ta’ responsabilta’ u likwidazzjoni ta’ danni minnu sofferti b’konsegwenza tal-incident stradali in kwistjoni u konsistenti f’dizabilta’ permanenti, u dana permezz ta’ ittra bonarja datata 11 ta’ Dicembru 2003 u ittra ufficjali datata 13 ta’ Gunju 2005.

Kull meta pprezenta il-fuq imsemmija ittri u atti, il-konvenut Daniel Grima dejjem baghat kopja jew formalment innotifika lis-socjeta' attrici bl-atti tieghu u, anke permezz ta' diversi ittri bonarji skambjati mas-socjeta' attrici, ivvanta li s-socjeta' attrici kienet responsabbli ghall-hlas u ta' danni kagunati minn Larson Pace bhala "insurer concerned" tal-istess.

Is-socjeta' attrici dejjem irrespingiet dawn l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghha u dana anke permezz ta' ittra bonarja datata 12 ta' April 2004 fejn wissiet lill-konvenut Daniel Grima li l-vettura DBD-672 ma kinitx assigurata maghha fil-gurnata tal-incident in kwistjoni ghar-ragunijiet spjegati fl-istess ittra u ghaldaqstant kienet iddiffidat lill-konvenut Daniel Grima milli jipprova jinvolviha jew altrimenti jipprocedu kontra taghha fi kwalsiasi mod.

Nonostante dan, ghal xi raguni, il-konvenut Daniel Grima ma hax il-passi mehtiega kontra l-Kumitat tat-Tmexxija tal-Fond ta' Protezzjoni u Kumpens biex jissalvagwardja d-drittijiet minnu pretizi u baqa' jivvanta drittijiet kontra s-socjeta' attrici, liema drittijiet vantati regghu gew repinti anke permezz ta' ittra bonarja datata 26 ta' Mejju 2004.

L-ahhar vantu tal-konvenut Daniel Grima sar permezz ta' notifika lis-socjeta' attrici ta' ittra ufficjali pprezentata kontra Larson Pace datata 15 ta' Gunju 2005, u ta' ittra bonarja datata 1 ta' Awwissu 2005.

F'dan l-istadju, is-socjeta' attrici ghandha kull interess illi l-konvenuti Joseph Grima, SMS Insurance Agency Ltd noe u Daniel Grima jieqfu jivvantaw li s-socjeta' attrici kienet jew hija responsabbli ghall-hlas ta' danni kagunati lilhom in segwitu tal-istess incident, u kif ukoll li jigi dikjarat li ma ghandha ebda relazzjoni guridika ta' tip "insurer concerned" mal-konvenut Larson Pace.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-polza ta’ assigurazzjoni bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut Charles Tahir kienet iddekadiet awtomatikament u ipso facto b’effett mill-11 ta’ Seetembru 2003;

Tiddikjara li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut Larson Pace;

Tiddikjara li s-socjeta’ attrici ma hija responsabbli ghall-hlas ta’ ebda danni kagunati fl-incident de quo.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta’ April 2004 u tal-20 ta’ Settembru 2005, kontra l-konvenut li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.

Rat in-Nota ta’ Eccezzjonijiet ta’ SMS Insurance Agency Ltd (C 5645) rapprezentanti tas-socjeta’ estera Ecclesiastical Insurance Office plc, li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta’ eccipjenti, ma jaqghux fil-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li l-jedd tal-eccipjenti li s-socjeta’ attrici qed tipprova xxejjen permezz ta’ din il-procedura ma jeccedix il-Lm5,000 u fil-fatt, il-kawza pprezentata mis-socjeta’ esponenti kontra Larson Pace (avviz 296/04 SM), li ghaliha ghamlet referenza s-socjeta’ attrici stess, qed tinstema’ quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ghalhekk is-socjeta’ eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza ta’ dan il-gudizzju bl-ispejjez;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hija rritwali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li s-socjeta’ attrici setghet interveniet fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u talbet dikjarazzjoni tal-istess jeddijiet li hija qed tivvanta permezz ta’ din il-procedura, kif is-soltu jsir meta jkun hemm allegazzjonijiet simili, u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjenti ghandhom jigu michuda u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m’ghandhiex tbati spejjez;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija intempestiva u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li sal-lum ma hemm ebda sentenza li s-socjeta’ eccipjenti tista’ tesegwixxi kontra s-socjeta’ attrici permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. La darba s-socjeta’ attrici ghazlet li ma tintervjenix fil-kawza l-ohra pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), allura, l-istess socjeta’ attrici kellha tistenna l-ezitu ta’ dik il-kawza u jekk ikun il-kaz tagixxi meta s-socjeta’ esponenti tivvanta l-ezekuzzjoni tas-sentenza relattiva kontra taghha;

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li fil-konfront ta’ terzi, inkluza s-socjeta’ eccipjenti bhala l-assigurazzjoni surrogata fil-jeddijiet ta’ terz, il-polza mertu tal-kawza ma tiddekadix b’mod awtomatiku u ipso facto kif qed tippretendi s-socjeta’ attrici;

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante illi skont il-ligi, partikolarment id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104, il-polza in kwistjoni baqghet tkopri lit-terzi, senjatament lit-terzi involuti fl-incident tal-14 ta’ Ottubru 2003 meta l-vettura DBD-672 assigurata mis-socjeta’ attrici u misjuqa minn Larson Pace habtet mal-vettura DNL-777 assigurata mas-socjeta’ eccipjenti u kkawzatilha hsarat estensivi;

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-tielet talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ attrici tkun obbligata thallas kwalunkwe danni sofferti mis-socjeta’ eccipjenti fl-eventwalita’ li jkun hemm sentenza favorevoli ghaliha fil-kawza li l-istess socjeta’ eccipjenti prezentat kontra Larson Pace.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Rat in-Nota ta' Eccezzjonijiet ta' Joseph Grima u ta' Daniel Grima, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-azzjoni attrici hija rritwali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li s-socjeta' attrici tista' tintervjeni fil-kawza pprezentata mis-socjeta' konventa SMS Insurance Agency Limited noe kontra Larson Pace (avviz 296/04 SM), li ghaliha ghamlet referenza s-socjeta' attrici stess, u titlob dikjarazzjoni tal-istess jeddijiet li hija qed tivvanta permezz ta' din il-procedura, kif soltu jsir meta jkun hemm allegazzjonijiet simili, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhomx ibatu spejjez;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija intempestiva u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li sal-lum ma hemm ebda sentenza li l-esponenti jistghu jesegwixxu kontra s-socjeta' attrici permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu, l-esponenti Joseph Grima, la darba s-socjeta' attrici ghazlet li ma tintervjenix fil-kawza l-ohra pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), li fiha huwa attur flimkien mas-socjeta' konvenuta SMS Insurance Agency Limited noe, allura l-istess socjeta' attrici kellha tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza u jekk ikun il-kaz tagixxi meta l-esponenti Joseph Grima, flimkien mas-socjeta' konvenuta SMS Insurance Agency Limited noe, jivvanta l-ezekuzzjoni tas-sentenza relattiva kontra taghha;

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li fil-konfront ta' terzi, inkluzi l-esponenti, il-polza mertu tal-kawza ma tiddekadix b'mod awtomatiku u ipso facto kif qed tippretendi s-socjeta' attrici;

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-

socjeta’ attrici stante illi skont il-ligi, partikolarment id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 , il-polza in kwistjoni baqghet tkopri lit-terzi involuti fl-incident tal-14 ta’ Ottubru 2003, senjatament l-esponenti Joseph Grima u Daniel Grima, meta l-vettura DBD-672 assigurata mis-socjeta’ attrici u misjuqa minn Larson Pace habtet mal-vettura DNL-777, proprjeta’ tal-esponenti Joseph Grima, u assigurata mas-socjeta’ konvenuta SMS Insurance Agency Limited noe, u misjuqa mill-esponenti Daniel Grima, f’liema incident, il-vettura DNL-777 garrbet hsarat estensivi, u l-istess Daniel Grima sofra griehi ta’ natura permanenti;

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-tielet talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ attrici tkun obbligata thallas kwalunkwe danni sofferti minn terzi fl-eventwalita’ li jkun hemm sentenza favorevoli ghall-istess terzi.

Salvi eccezzjonijiet ohra, u l-konvenuti jaghmlu taghhom l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti l-ohra, sa fejn dawn ikunu applikabbli ghalihom, bla pregudizzju ghas-suespost.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawza l-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers’ Bureau, li permezz taghha, wara li gie eccepit illi:

It-talbiet tas-socjeta’ attrici huma legalment insostenibbli u infindati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ attrici hija obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittmi fl-incident tal-14 ta’ Ottubru 2003 a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan anke jekk l-allegazzjoni tas-socjeta’ attrici li kien hemm xi bejgh tal-vettura DBD-672 tigi ppruvata kif trid il-ligi.

It-talbiet tas-socjeta’ attrici huma legalment insostenibbli u infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma tezisti ebda mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 10(2) u (3) tal-Kapitolu

104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk, kwalunkwe sentenza ottenuta mill-vittmi tal-incident tat-traffiku tal-14 ta’ Ottubru 2003 fejn giet jew ser tigi dikjarata r-responsabilta’ tas-sewwieq tal-vettura DBD-672 hija enforzabbli fil-konfront tas-sewwieq tal-vettura DBD-672 hija enforzabbli fil-konfront tas-socjeta’ attrici a tenur tal-Artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma legalment insostenibbli u infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kwalunkwe klawsola u/jew restrizzjoni u/jew kundizzjoni li jista’ jkun hemm fil-polza ta’ assikurazzjoni minnha mahruga ma tistax tigi opposta fil-konfront tal-vittmi tal-incident tat-traffiku tal-14 ta’ Ottubru 2003 u hija fil-fatt ineffikaci fil-konfront tat-terzi.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, anke jekk jigi ppruvat li sar il-bejgh tal-vettura minn Charles Tahir lil Larson Pace, dan l-istess bejgh ma huwiex opponibbli vis-a-vis it-terzi stante illi qatt ma gie registrat mal-awtoritajiet kompetenti kif mitlub mil-ligi, u fi kwalunkwe kaz, anke jekk sar xi bejgh tal-vettura, dan ma jintitolax lis-socjeta’ rikorrenti tahrab mill-obbligi legali taghha fil-konfront tal-vittmi tal-incident tat-traffiku tal-14 ta’ Ottubru 2003.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Rat li Charles Tahir u Larson Pace, ghad li notifikati ma ressqu ebda twegiba ghall-kawza.

Fatti

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza mhumiex kontestati. Jirrizulta illi s-socjeta’ attrici harget polza ta’ assikurazzjoni lil Charles Tahir fuq vettura DBD-672 fit-30 ta’ Mejju 2003. Charles Tahir biegh il-vettura lil Larson Pace fil-11 ta’ Settembru 2003. Il-polza tistipula li f’kaz ta’ bejgh tal-vettura din tiddekadi ipso facto. Fl-14 ta’ Ottubru2003, Larson Pace kien involut f’incident u kkawza danni lil

Daniel Grima u Joseph Grima u konsegwentement lill-assikurazzjoni taghhom SMS Insurance Agency.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-Art. 10(1) tal-Kap. 104 jipprovdi illi:

"***10.*** *(1) Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' assigurazzjoni taht l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht l-artikolu 4(1) (meta hija responsabilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-kaz, ghad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabilta' fuq imsemmija, kompriz l-ammont li jmiss jithallas ghal spejjez u ghal imghaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tigi notifikata lill-assiguratur b'att gudizzjarju ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv kontra dak l-assiguratur ghall-finijiet kollha tal-<u>Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili</u> u tista' tigi enforzata kontra tieghu.*"

Fis-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2007, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet illi:

"*Dik il-polza jew il-kondizzjonijiet u termini fiha ma jistghux ikollhom effikacja li jarrestaw jew ifixklu talba ghad-danni minn terzi. Dan hu sew deducibbli mill-Artikoli 10 u 12 (3) tal-Kapitolu 104. Proprju l-ispirtu ta' din il-ligi, anke ghall-kaz prospettat mis-socjeta` appellanti, jindika illi nonostante t-trasferiment tal-vettura l-effetti tal-polza ma jiccessawx. Anzi dawn, ope legis, japplikaw xorta wahda u b' mod awtomatiku fir-rigward tat-terz danneggjat, ankorke s-socjeta` assiguratrici tista' tqis il-polza invalida u non-rispondenti. Gja f' dan il-kuntest din il-Qorti kellha okkazjoni tirrimarka illi "minn dak dezunt mill-Kapitolu 104 huwa ovvju illi l-Qorti ma tistax tintrattjeni talba li*

*tippermetti lis-socjeta` appellanti biex, kif jinghad minnha, il-kundanna imposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tigi rizarcita direttament minnha. Anke jekk talvolta s-socjeta` appellanti ghandha raguni serja u valida biex il-polza ma tirrispondix fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raguni, kif fuq manifest skond it-test tal-ligi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneggjat." ("**Fogg Insurance Agencies Limited nomine -vs- Simon Tabone**", 28 ta' April 2004).*"

Sinjifikanti wkoll dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri "Il-Pulizija vs Reuben Scicluna" (deciza fid-19 ta' Frar 2004).

"*In vista ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja l-kwistjoni kollha interna bejn l-appellant u s-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance, ladarba kienet lahqet harget polza favur l-appellant u ma sehhewx ir-rekwiziti msemmija taht l-artikolu 10 fuq imsemmi, fid-data tal-incident dik il-polza kienet ghadha vigenti u tkopri r-riskji ghal terzi persuni ghall-fini tal-Kap. 104, salv imbaghad ir-relazzjonijiet interni bejn l-assikuratur awtorizzat u l-appellant assikuratur, "si et quatenus". Ghalhekk isegwi li fid-data tal-incident in ezami, fil-fatt l-appellant kien ghall-fini tal-Kap. 104 kopert b'polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi.*"

Aktar ricenti, fis-sentenza Elmo Insurance Limited vs Mark Caruana" (deciza fl-20 ta' Marzu 2013), fejn il-Qorti regghet enfasizzat illi sabiex socjeta' assikuratrici tevita li tkopri danni kagunati lil terz trid tiehu passi a tenur tal-Art. 10(2)(c) tal-Kap. 104. Ftehim bejn l-assikuratur u l-assikurat mhuwiex bizzejjed, partikolarment jekk, bhal ma gara fil-kaz odjern, isir wara li sehh l-incident.

Fil-kawza odjerna, is-socjeta' attrici ma ghamlet ebda proceduri ghall-kancellament tal-polza u r-ritorn tac-certifikat, u dan kif konfermat mir-rapprezentant taghha stess meta xehed quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Gunju 2012.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza ricentissima fil-kawza "Middlesea Insurance vs Ciantar et" (deciza fis-17 ta' Frar

2014), fejn, ghalkemm, kienet tittratta sitwazzjoni ta' habi ta' fatt materjali, il-Qorti xorta wahda enfasizzat is-sitwazzjoni meta assiguratur ikun dovut ihallas spejjez ghad li jkollu jedd li jhassar polza ta' assikurazzjoni.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-fattispecie tal-kawza odjerna huma precizament dawk kontemplati fil-Kap. 104. Dan, pero', ma jfissirx li s-socjeta' attrici ma jistax ikollha drittijiet fil-konfront tal-assikurat taghha jekk dan ma onorax l-obbligi tieghu skont il-polza. Dan, pero', ma jaffettwax lit-terz danneggjat.

Finalment, is-socjeta' attrici, fis-sottomissjonijiet taghha zzid il-fattur li s-sewwieq fil-mument tal-incident kellu anqas minn 25 sena. Il-Qorti fil-kuntest hi tal-fehma li hija marbuta mal-parametri stretti tac-citazzjoni u ma hux accettat li konsiderazzjonijiet ta' din ix-xorta, li jafu jkunu kawzali ohra tal-proceduri, ma jistghux jitqiesu u jitqajmu fl-istadju ta' sottomissjonijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fid-dawl tal-fuq espost, tichad it-talbiet ta' Montaldo Insurance Agency Limited b'rizerva ta' kull dritt iehor spettanti lilha fil-konfront ta' Charles Tahir.

L-ispejjez jithallsu mill-istess socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------